**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 26 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 22/2015**

**Jason Vella**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jason Vella** ipprezentat fl-24 ta' April 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

"***Preliminari***

*Illi l-esponenti applika ghal licenzja ta' Gwardjan Privat izda permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2015 il-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta tali applikazzjoni ai termini ta' l-Art. 10(a)(i) u 10 (b) tal-Kap 389;*

***Ragunijiet ghal Appell***

*Illi ai termini ta' l-Art. 11(3) ir-rikorrenti qieghhed jinterponi tali appell minhabba s-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament jinkombi fuq l-intimat li jispjega b'mod dettaljat kif wasal ghad decizjoni tieghu ai termini ta' l-Art 10(a)(i), u r-rikorrenti qieghed jirriserva minn issa li jirrispondi wara tali spjegazzjoni;*

*2. Illi mhux minnu li d-decizzjoni ta' l-intimat hija fl-interess pubbliku li tigi rifjuta dik il-liċenza u dan peress li ma jezistux ragunijiet li jikkonfermaw dan;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas suespost, ir-rikorrenti huwa persuna li jghix hajja tajba u m'ghandhux affarjiet li jipprekluduh milli jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni;*

*Ghal dawn il-motivi, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2015 u jordna lill-istess intimat sabiex tinħareġ il-liċenza favur ir-rikorrenti fi zmien qasir."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 11 ta' Awissu 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta, u għalhekk, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fit-28 ta' April 2015, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

*ILLI fit-tieni lok u in linea preliminari jiġi rilevat ukoll illi preliminarjament, ghall kull buon fini l-esponent jirrileva illi l-kopja tar-rikors tar-rikorrent li giet notifikata lill-esponent hija sprovvista mil-lista ta' xhieda skont kif inhu indikat mill-Artikolu 15(2)(d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ILLI, fil-mertu, l-esponent jirrileva illi dan l-appell huwa frivolu u vessatorju stante li r-rikorrent diga kien applika ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat lejn l-ahhar tas-sena 2014 u din l-applikazzjoni giet irrifjutata fis-26 ta' Dicembru 2014. Ir-rikorrent naqas milli jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta' Dicembru 2014. Sussegwentement ir-rikorrent rega intavola applikazzjoni ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat u din giet irrifjutata fuq l-istess bazi ta' l-applikazzjoni precedenti. Ftit wara r-rikorrent, din id-darba, appella mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u fetah il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

*ILLI mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ghall-kuntrarju ta' dak li qed jinghad mir-rikorrent fir-rikors promotur kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Vella ai termini tal-artikolu 10(a)(i) u 10 (b) tal-Kap 389, kif filfatt se jkun muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca[1] u tar-rikorrent;[2]

Ra n-Nota tal-Kummissarju intimat;[3]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) fl-interess pubbliku, minhabba li gejt misjub hati ta' sentenzi fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi t-Tribunal se jibda biex l-ewwel u qabel kollox jindirizza l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju intimat. Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni l-istess Kummissarju eccepixxa illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promutur. Illi din l-eccezzjoni hija ormai sorvolata peress li l-Kummissarju intimat ipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu u ghalhekk, f'dan il-kaz, m'hemmx lok li tigi applikata s-salvagwardja tal-artikolu 181B tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe` illi r-rikors huwa sprovvist mil-lista tax-xhieda kif rikjest minn artikolu 15 (2) (d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jirrileva illi ghalkemm tali lista hija rikjesta mic-citat artikolu, in-nuqqas taghha ma jrendix, f'kull cirkostanza, ir-rikors null. Issa f'dan il-kaz jirrizulta illi l-uniku xhud li tressaq kien ir-rikorrent innifsu. Illi tali lista hija ntiza sabiex il-parti l-ohra tkun f'posizzjoni li tkun taf min ser jitressaq bhala xhud biex tipprepara l-kaz taghha ahjar. Pero` f'dan il-kaz jirrizulta illi l-kontro-parti ma giet bl-ebda mod ppregudikata stante li l-

[1] A fol. 29 sa fol. 30
[2] A fol. 45 sa fol.47 u minn fol. 50 sa fol. 53
[3] A fol. 33 sa fol. 42

uniku xhud li tressaq kien ir-rikorrent innifsu. Ghaldaqstant it-Tribunal iqis dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet bhala sorvolati.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jghaddi issa biex jinvesti l-mertu tar-rikors.

Illi ghall-ahjar intendiment ta' dak li se jigi sottomess, it-Tribunal se jiccita dak li jghid artikolu 10 (a) (i) u (b) tal-Kapitolu 389 u cioe` :-

*"Il-Kummissarju* ***ghandu jirrifjuta***[4] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a)meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;*

....

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi **l-Ispettur Ramon Mercieca** xehed illi r-rikorrent kien applika ghal-licenzja *de quo* fl-2014 pero` din kienet giet rifjutata, wara liema ir-rikorrent kien intavola appell mal-istess Kummissarju, liema procedura kienet wahda irritwali. Kwindi l-istess rikorrent kien rega' applika fejn kien rega' inhareg rifjut li minnu sar l-appell odjern. Jistqarr li r-rikorrent kien instab hati permezz ta' sentenza deciza fl-2011 wara li kien gie akkuzat li fl-2008 ha sehem flimkien ma' gemgha nies fi protesta quddiem Kastilja u li ghal dan ir-reat huwa kien gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin. Jghid li ghalkemm qabel is-sentenza kellu xi sentenzi kriminali ohra fil-konfront tieghu, dawn kien ghadda certu zmien minn fuqhom u l-Kummissarju intimat kien johrog licenzja pero` meta ra li fl-2008 rega' kellu incident iehor huw hass li ma kienx opportun li tinhareg il-licenzja in kwistjoni.

Jispjega illi r-rifjut hareg abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) minhabba li r-reati addebitati lir-rikorrent, fosthom li fforma parti minn gemgha ta' nies permezz ta' liema holoq bizgha fil-pubbliku, gew ikkunsidrati bhala reati gravi. Jghid li l-kundanna imposta fuq ir-rikorrent tirrifletti l-gravita` tal-azzjonijiet imwettqa mir-rikorrent.

---

[4] Enfasi tat-Tribunal

**Ir-rikorrent** spjega illi prezentament kien bla xoghol. Jispjega li fl-2008 kien jahdem bit-taxi u nqala' strike tat-trasport pubbliku u nghaqad ma' gemgha nies u tressaq il-Qorti. Jistqarr illi huwa mar biex japplika bhala Enforcement Officer ta' Transport Malta pero` talbuh il-licenzja ta' Gwardjan Privat. In kontro-ezami stqarr illi huwa ghandu tlieta u erbghin sena u fil-passat hadem bhala *delivery man* u bit-taxi.

Illi mill-fedina penali tar-rikorrent jirrizulta illi r-rikorrent kien instab hati sitt (6) darbiet minn dawn il-Qrati, pero` jirrizulta illi l-iktar akkuzi gravi kienu dawk tal-2008 liema akkuzi kienu jinkludu dik ta' rewwixta ai termini tal-artikolu 79 tal-Kodici Kriminali u li ma obdiex ordni sabiex il-gemgha titferrex ai termini tal-artikolu 80 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dawn l-akkuzi jammontaw ghal reati kontra l-paci pubblika li ghalkemm ma jsibux ruhhom elenakti fir-reati msemmijin f'artikolu 10 (a) (i), fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, jammontaw ghal reat gravi. Illi c-cirkostanzi li fihom sehhew ir-reati huwa certament ta' thassib kbir ghall-ordni pubbliku. Illi jirrizulta illi r-rikorrent kellu kull opportunita` li wara li ngemgha ma' nies ohra quddiem Kastilja jallontana ruhu bil-kwiet, wara li gie hekk imwissi biex jaghmel mill-Pulizija. Madankollu, dan ma ghamlux u baqa' jisfida l-ordni li kienu tawh il-Pulizija. Illi dan it-Tribunal ma giex fornit bil-motiv tac-cirkostanzi li kienet ingabret din il-gemgha quddiem Kastilja, pero`, kien x'kien il-motiv, jekk kien hemm xi haga li numru ta' persuni kienu qed jipprotestaw dwarha, huma kellhom jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Pulizija u jfittxu toroq legali ohra kif isemmghu lehinhom. Li kieku ghal kull disapprovazzjoni li grupp ta' nies ikollhom dwar xi materja johrog jipprotesta b'dan il-mod, allura certament ikun lok ta' thassib u tkun qed tigi perikolata s-sigurta` tac-cittadini.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat kien gust meta, wara li qies ic-cirkostanzi tar-reati addebitati lir-rikorrent u s-sentenza erogata fil-konfront tieghu, huwa hareg ir-rifjut *de quo* abbazi tal-fatt li qies ir-reati kommessi mir-rikorrent bhala li jistghu jigu kklassifikati bhala "delitt gravi".

Illi l-Kummissarju intimat cahad l-istess applikazzjoni wkoll abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"...virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness ... within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires."*

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[5] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi hawnhekk tidhol il-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-Kummissarju intimat biex jasal ghad-decizjoni tieghu. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[6] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi a skans ta' repetizzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak sottomess iktar 'il fuq dwar il-gravita` tar-reati kommessi mir-rikorrent u jqis li anke minn dan l-aspett il-Kummissarju intimat kien gust li jikkonsidra li ma hux fl-interess pubbliku li r-rikorrent jithalla jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat.

Illi dan it-Tribunal f'dan il-punt iqis opportun li jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace et,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Dicembru 2008, fejn dik il-Qorti osservat illi "***Hu risaput li hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikhom jew, jekk ikun qed digà jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew***

[5] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389
[6] **Masini noe vs Podesta` noe** (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

***okkupazzjonijiet ohra bhal dawk ta' l-appellanti**.[7] B'daqshekk dak li jkun ma jkunx qed jigi punit darbtejn."*

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li s-sustanza tal-hsieb enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza citata japplika ghall-kaz odjern. Minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu pprestati minn Gwardjan Privat huwa logiku u legittimu li fl-ghoti ta' tali licenzja l-Kummissarju intimat jaghmel evalwazzjoni appozita wara li jiehu kont tal-fedina penali tal-applikant. Ghalkemm dawn il-Qrati ttrattaw mar-rikorrent b'sentenzi mhux karcerarji, it-Tribunal jifhem ir-responsabbilta` fuq spallejn il-Kummissarju intimat meta gie biex jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent. Meta dan it-Tribunal qies kemm il-fedina penali u kif ukoll il-fatt li r-rikorrent bl-ebda mod ma kkonforta lil dan it-Tribunal b'xi provi li juru l-affidibilita` u idonjeta` tieghu ghal dan ix-xoghol, l-istess Tribunal jasal biex jikkondividi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat.

Illi, ghaldaqstant, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gustifikat meta hareg ir-rifjut tieghu in vista tar-responsabbiltajiet li gwardjan privat irid jiffaccja fix-xoghol tieghu. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhala mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista' jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju l-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li nghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi f'dan il-kaz partikolari, it-Tribunal ma jsibx illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod mhux gustifikat. Wiehed irid jifhem illi x-xoghol ta' gwardjan privat jesponi lill-individwu ghal ghadd ta' cirkostanzi li jistghu ikunu difficli u li jesigu certament kontroll shih tas-sitwazzjonijiet li jsib quddiemu u ma jistghax wiehed ihalli jigru bih l-emozzjonijiet li jsarrfu fl-eghmil ta' azzjonijiet li huwa stess ghandu jara li ma jsirux.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

## DECIDE

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel

[7] Enfasi tat-Tribunal

zewg eccezzjonaijiet stante li dan gew sorvolati, jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti imressqa mill-Kummissarju intimat.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**